

Brussell, 24 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15228/25

TRANS 533
COWEB 143
ELARG 140

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Komitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport
fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit
tal-Komunità tat-Trasport għall-2026**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport¹ (“TKT”) ġie approvat f’isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392² u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Mejju 2019.
- (2) Skont l-Artikolu 35 tat-TKT, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport (il-“Kumitat tat-Tmexxija”) għandu jadotta l-baġit tal-Komunità tat-Trasport kull sena. L-Artikolu 35 tat-TKT jagħti wkoll is-setgħa lill-Kumitat tat-Tmexxija li jadotta deċiżjonijiet li jispeċifikaw il-proċedura għall-implimentazzjoni tal-baġit.
- (3) Il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjoni dwar il-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2026 waqt l-aħħar laqgħa tiegħu fl-2025.
- (4) Il-baġit propost tal-Komunità tat-Trasport għall-2026 huwa meħtieġ għall-funzjonament tajjeb tas-Segretarjat Permanenti u tal-korpi tal-Komunità tat-Trasport. Dan ikopri l-kostijiet tar-riżorsi umani, l-ivvjaġġar, it-tagħmir u s-software tal-IT, kif ukoll in-nefqa operazzjonali bħall-istudji, il-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika u l-organizzazzjoni ta’ konferenzi u laqgħat.

¹ ĠU L 278, 27.10.2017, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2017/1937/oj.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta’ Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/392/oj>).

- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija rigward id-deċiżjoni dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2026, peress li dik id-deċiżjoni ser tkun vinkolanti għall-Unjoni bis-saħħa tal-Artikolu 25(1) tat-TKT.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport (il-“Kumitat tat-Tmexxija”) fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2026 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
